# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2972

**Kaz Numru 3930/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Lindsey Sant (KI 340284 M)**

**u**

**AE Malta Holdings Limited (C 57201) f'isimha stress u bhala operaturi ta' ACE English Malta u l-istess ACE English Malta**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 21 ta' Frar, 2024**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Lindsey Sant fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar it-30 ta' Dicembru 2020 fejn sostniet li t-terminazzjoni tal-impieg taghha kienet wahda ngusta. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg kienet ai termini tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm disa' (9) seduti fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, n-numru mhux zghir ta' seduti u differimenti mitluba miz-zewg partijiet.

- **Rapprezentanza**

Lindsey Sant li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assistenza ta' Avv. David H Harding.

AE Malta Holdings Ltd./ ACE English Malta, li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta ntimata kienet irraprezentata minn Keith Zammit assistit mill-Avv. Andrew Grima u l-Avv. Sheldon Micallef.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet impjegata mas-Socjeta' ntimata bhala *Part-time EFL Teacher* u dan sa mis-7 ta' Mejju 2018. Nhar it-2 t'April 2018 l-impjieg taghha kien konvertit ghall-*Asst. Director of Studies*, izda ftit wara hija regghet marret ghall-posizzjoni ta' *EFL Teacher*.
Fil-*JobsPlus Employment History* tal-Appellanti hemm indikat li l-impjiieg taghha kien gie terminat nhar it-28 t'Awwissu 2020 bir-raguni tkun indikata bhala '*Formal Resignation'*.
Fir-rikors promotur taghha, l-Appellanti ddikjarat li l-impjieg riferut gie fi tmiemu nhar il-31 t'Awwissu 2020, fejn is-Socjeta' ntimata ddikjarat li l-Appellanti abbandunat ix-xoghol u mill-banda l-ohra l-Appellanti ssostni li giet imkeccija ngustament.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Keith Zammit** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa *sole shareholder* fil-kumpanija li twaqqfet fl-2013. Huwa spjega l-funzjoni tal-kumpanija li hija skola li tghallem il-lingwa ngliza lill-istudenti barranin. Huwa qal li lill-Appellanti jafha bhala ex-ghalliema f'din l-iskola. Huwa qal li hija kienet bdiet maghhom fil-bidu fuq bazi *P/T* u wara *F/T*. Huwa kompla li wara li kienet irrizenjat fl-2018 kienet marret tahdem ma' kompetitur taghhom izda wara ftit gimghat regghet giet talbithom sabiex terga' tidhol maghhom, u nghatat l-impjieg fuq bazi *P/T*.
Huwa spjega li l-kumpanija thaddem 8 ghalliema *F/T* u numru ta' *Part-timers*. Kompla li meta jkun hemm vakanza bhala *F/T* dak l-aktar li jkun ilu *P/T* jigi offrut il-post bhala *F/T*, fejn jittiehdu wkoll in konsiderazzjoni l-esperjenza u l-hiliet akkademici.
Ix-xhud kompla li appena li l-Appellanti kienet irritornat lura fl-impjieg maghhom, kien hemm vakanza nterna ghall-posizzjoni ta' *Asst Director of Studies* li hija applikat ghaliha u eventwalment inghatat din il-kariga, izda wara ftit gimghat minhabba li qatghet qalbha marret ghall-*part-time teacher*.

Huwa spjega li bhala ghalliema, l-Appellanti kellha prestazzjoni tajba izda fir-rigward tar-rispett lejn il-*Management* ta' l-iskola kien hemm x'wiehed jistaqsi.
Huwa semma bhala ezempju meta fejn darba (fiz-zmien ta' qabel il-Covid) kien issejjah *meeting* urgenti ghall-ghalliema, liema *meetings* kienu jsiru waqt il-*break*. Huwa qal li huwa kien miexi gewwa l-iskola mas-*COO* Raffaele Pagliuso u rawha hierga mill-iskola. Ix-xhud kompla li huwa kien qalilha li kellhom laqgha mportanti u hija wiegbet lura '*my lunch is more important*'.
Ix-xhud kompla li f'Marzu 2020 appena faqqghet il-Pandemija Covid 19, l-iskola kienet mimlija b'500 student. Kompla li nhar it-13 ta' Marzu kienu kellmu lill-istudenti li minhabba c-cirkostanzi l-iskola kienet ordnata mill-awtoritajiet li tinghalaq ghal gimghatejn.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jaghti spjegazzjoni dettaljata ta' x'implikazzjonijiet dan l-gheluq ta' l-iskola gab, inkluz l-ispejjez sabiex setghu joffru lezzjonijiet *online*, u sabiex tibqa' tinhareg l-*istudy visa* lil dawk l-istudenti li ddecidew li jibqghu Malta. F'dan il-kuntest huwa stqarr li matul dan il-perjodu l-ghalliema kienu fuq il-*wage supplement* waqt li ma kienux qed jaghtu servizz lill-iskola.
Huwa spjega li l-perjodu li damu maghluqin kien bejn Marzu u Gunju, ghaliex fis-6 ta' Lulju 2020 regghu fethu. Ix-xhud qal li dakinhar xi whud mill-ghalliema kienu rrizenjaw ghaliex sabu mpjieg iehor u ohrajn fosthom l-Appellanti dahlu lura ghax-xoghol.
Ix-xhud kompla li kienet giet ifformolata dikjarazzjoni datata 21 ta' Lulju 2020 fejn l-ghalliema jiddikjaraw li kienu disponibbli minn Lulju sa l-ahhar ta' Settembru 2020, u kienu mistennija jahdmu sighat ekwivalenti ghall-*wage supplement* moghti mill-Gvern li kienu qed jircievu u jekk jeccedu dawk is-sighat jithallsu aktar. L-Appellanti ffirmat din id-dikjarazzjoni tenna x-xhud.
Ix-xhud kompla li l-Appellanti gharrfet lil Josephine Borg *Academic Manager*, li hija ma kinitx ser tkun tista' tghallem bejn Awwissu u Settembru minhabba mpenji relatati ma' tezi li kienet qed taghmel. Huwa stqarr li r-risposta taghhom kienet li dan ma kienx possibli. Ix-xhud qal li l-Appellanti insistit ghal dan filwaqt li fakkret li s-sena ta' qabel kienet inghatat din il-koncessjoni. Ix-xhud spjega li c-cirkostanzi tas-sena ta' qabel kienu differenti. Huwa kompla li lejn nofs Awwissu l-Appellanti nformat lil Josephine Borg fejn fakkritha li ma kinitx ser tidhol xoghol kif kienet avzat.

**Raffaele Pagliuso** beda x-xhieda tieghu billi qal li huwa jimmannigja l-iskola u jaf lill-Appellanti bhala li kienet wahda mit-*teachers*.

Huwa spjega kif kienet is-sitwazzjoni malli faqqghet il-pandemija Covid-19 u fejn prattikament l-iskola ma baqghetx tiffunzjona, huwa spjega li l-ghalliema kollha u l-maggoranza ta' l-istaff l-iehor waqfu jahdmu u fejn inbdiet l- azzjoni sabiex jiehdu hsieb l-istudenti li kellhom.

Huwa spjega li din is-sitwazzjoni kompliet hekk sa ma reggghu fethu gradwalment fl-4/6 t'April 2020. Huwa stqarr li f'dak il-mument kien hemm biss dawk l-istudenti li nqabdu Malta u fejn f'dik ic-cirkostanza qassmu l-istudenti mall-ghalliema li kellhom. Fejn il-maggor parti tat-taghlim beda jinghata *face-to-face*.

Huwa kompla li l-Appellanti kienet tkellmet ma' Josephine Borg li tiehu hsieb l-*Academic Department* dwar li f'Awwissu 2020 riedet tiehu *leave* ghal btala ta' 4/5 gimghat.

Huwa kompla li lejn Lulju 2020 dawk l-istudenti li riedu jergghu jigu lura bdew jirritornaw u fejn allura kien hemm il-htiega ta l-ghalliema kollha sabiex jiehdu hsieb dawn l-istudenti. Huwa qal li dak kien mument mhux facli u fejn riedu li l-iskola tibqa' hajja.

Huwa spjega li f'dan il-kuntest it-talba ghal *leave* tal-Appellanti ma gietx milqugha. Huwa qal li dan kien gie diskuss bejn l-Appellanti u Borg fejn il-*leave* ma kienx approvat. Huwa qal li sa fejn jaf hu d-disapprovazzjoni tal-*leave* saret b'mod verbali. Ix-xhud qal li mill-memorja jiftakar li r-rikjesta ghal-*leave* min-naha tal-Appellanti saret meta hija kienet *sick*, u jahseb li saret kemm verbali u anke bil-miktub.

Huwa kompla li fil-frattemp l-Appellanti xorta harget bil-*leave* u meta wara kien tkellem mall-*accountants* sabiex ikun jaf kemm kienet intitolata ghal-*leave* l-Appellanti u meta hija ma rritornatx lura ghax-xoghol wara dak l-ammont l-impjieg taghha kien gie mitmum.

Ix-xhud kompla li l-Appellanti kienet tahdem bejn 3 u 4 sighat u nofs kuljum. Huwa qal li hija fil-bidu kienet hadmet fl-2015 fejn waqfet u marret tahdem fi skola ohra fejn kienet ippruvat fil-kariga ta' *Director of Studies* izda l-affari ma marritx tajjeb u regghet irritornat tghallem. Huwa stqarr li bhala mpjegata ma kienx facli li tiddilja maghha, fejn huwa semma li kienet riedet zieda ta' 35% fis-salarju. F'dan il-kuntest qal li f'Marzu qabel ghalqu minhabba l-Covid ziedu s-salarju tal-ghalliema b'1€ fis-siegha. Huwa spjega fejn meta f'laqgha mall-ghalliema b'mod offensiv qalet li hija trid 35% zieda u huma rrispondew li l-1€ setghu jaghtu u wara qabdet u telqet mil-laqgha. Huwa tenna li hija qatt ma kienet taghmel parti mit-*team* tal-ghalliema u kienet tkun dejjem izzomm ruhha izolata minn shabha.

**Josephine Borg** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija tokkupa l-kariga ta' *Director of Studies* mas-Socjeta' ntimata, fejn ilha mpjegata aktar minn 7 snin. Hija qalet li taf lill-Appellanti ghaliex kienet impjegata maghhom.
Wara li hija spjegat ix-xoghol li kienet taghmel stqarret li l-Appellanti kienet ghalliema b'atteggjament negattiv, fejn kienet tipprova tikkonfoffa ma' ghalliema ohra kontra l-*Management*. Hija stqarret li wara l-Covid-19, l-atteggjament taghha kompla hzien.
Ix-xhud spjegat kif meta l-Appellanti talbet xahar *leave* hija kienet iddiskutiet maghha tali rikjesta fejn anke spjegatilha li mhux zgur ghandha dak l-ammont ta' *leave* bi hlas. Hija sostniet li tul id-diskussjonijiet maghha qatt ma tatha garanzija li tali *leave* kien ser ikun approvat.
Ix-xhud kompliet li l-gimgha ta' wara din id-diskussjoni l-Appellanti harget fuq *sick leave* u meta baghtet ic-certifikat mediku infurmatha (l-Appellanti lix-xhud) li kellha bzonn tiehu xahar *leav*e in konnesjoni mat-tezi universitarja taghha. Hija qalet li f'dak l-istant hija awtorizzatilha tiehu gimgha *leave,* fejn baqghu f'kuntatt mall-*accountants* biex jaraw kemm kienet intitolata ghall-ammont ta' *leave* bi hlas. Hija kompliet li meta ttendew li hija ma kellhiex dak l-ammont ta' *leave* sabiex ikopri xahar shih huma tterminaw l-impjieg taghha f'Awwissu ghaliex hija ma kinitx disponibbli ghax-xoghol fil-perjodu meta l-aktar kellhom bzonn ghalliema.
Ix-xhud stqarret li f'dan il-post tax-xoghol talbiet ghal-*leave* ma jsirux bil-kitba izda b'mod verbali direttament maghha. Hija kompliet li anke meta t-talba ghal-*leave* ma tigiex milqugha dan isir b'mod verbali, jiddependi kif tkun saret it-talba.
Ix-xhud qalet li anke li kieku l-Appellanti kienet intitolata ghax-xahar shih bi hlas tali ammont ta' *leave* ma kienx ser jigi approvat minhabba l-esigenza tax-xoghol ghaliex kien hemm bzonn l-ghalliema.
Ix-xhud qalet li matul dik il-gimgha *leave* approvata wara s-*sick leave* hija qatt ma rega' kellha komunikazzjoni mall-Appellanti. Hija stqarret li hija qatt ma qalet lill-Appellanti li wara li tkun ezawrita l-gimgha *leave* approvata hija kellha tirritorna lura ghax-xoghol.
Ix-xhud tenniet li fid-dawl ta' dan kollu, hija (l-Appellanti) ma kinitx intitolata ghax-xahar kollu *leave,* u '***we then terminated her at the end of August due to her not being available to work when we needed teachers to provide the work***'.

**Lindsey Sant** permezz ta' affidavit xehdet b'mod estensiv u pprezentat numru ta' dokumenti u *Emails* konnessi mall-impjjeg taghha mas-socjeta' ntimata u *Emails* mibghuta u ricevuti lilha konnessi mall-kwistjonijiet li kellha u li wasslu ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghha.

Hija spjegat li kienet giet impjegata fl-4 t'Awwissu 2014 bhala *part-time teacher* u s-sena ta' wara qalbet ghall-kuntratt *full-time*.
Hija kompliet li lejn l-ahhar tal-2015 marret tahdem ma' *language school* zghira li kienet qed tinqaleb ghal *Lifelong Learning School*, u li fil-fehma taghha ma kinitx kompetitura tas-Socjeta' ntimata kif intqal.
Ix-xhud kompliet li l-affari ma marritx kif kien mistenni u hija kkuntattjat lil Suzanne Vella li kienet *Director of Studies* ta' ACE fejn spjegatilha s-sitwazzjoni u din min-naha taghha qaltilha li setghet tirritorna ma' ACE ghaliex seta' jkollha mpjieg hemmhekk, kif fil-fatt gara.
Hija sostniet li mhux minnu dak li xehed Keith Zammit meta qal li hija kienet marret tahdem ma' kompetitur tal-kumpanija ghaliex Unilang ma kinitx toffri servizzi ghal studenti barranin.
Hija sostniet li kuntrarju ghal dak li qal Zammit il-posizzjoni ta' *Asst. Director of Studies* kienet giet offruta lilha minn Suzanne Vella u hija (xhud) qatt ma applikat ghalija kif xehed Zammit.
Hija sostniet li minkejja li minhabba mpenji relatati ma' l-istudji universitarji hija kienet iddecidiet li tirritorna tghallem fuq bazi *P/T* u fejn hija qatt ma rrifjutat li tirriplejsja ghalliema li kienu fuq *sick leave*.
Ix-xhud kompliet tirribatti dak li xehed Zammit meta qal li meta rritornat lura ghax-xoghol hija kienet impjegata fuq bazi *F/T Reduced Hours*. Hija sostniet li hija kienet impjegata fuq kuntratt ta' xoghol *P/T*, izda l-*Management* fis-sistema taghhom baqghu jirreferu ghalija bhala *F/T Asst. Director of Studies*, u anke ma' JobsPlus irregistrawha bhala *F/T*.
Hija spjegat li wara li kienet irritornat lura tahdem mas-Socjeta' ntimata u dan bhala *Asst. Director of Studies*, wara xahar iddecidiet li tmur lura tghallem u ffirmat kuntratt bhala *part-time teacher* bis-sighat ivarjaw bejn 22.5 u 37.5 fis-sajf meta l-Universita' kienet tkun bil-vakanzi tas-sajf.
Ix-xhud qalet li nhar id-29 ta' Gunju 2020 hija kienet baghtet *Email* lil Keith Zammit u Josephine Borg sabiex tfakkarhom li peress li hija kienet fi stadju krucjali tat-tezi taghha fejn riedet tipprezentaha fl-14 ta' Settembru 2020 talbithom jizguraw li l-iskeda taghha tibqa' l-istess bhal ma kienet bejn Jannar u Frar 2020 u cjoe' ta' 15 il-siegha fil-gimgha.
Ix-xhud sostniet li hija kienet qalet lil Josephine Borg li hija kienet ser tirritorna tghallem b'mod immedjat wara li tkun ipprezentat it-tezi taghha, dan filwaqt li sostniet li ma kienx veru dak li xehed Zammit fejn qal li hija kienet qalet lil Josephine Borg li ma kinitx ser tkun disponibbli ghal numru ta' gimghat.
Ix-xhud qalet li fl-10/08/2020 kienet mardet u li certifikati medici kienu mibghuta lil Josephine Borg u Raffaele Pagliuso u dan bil-hsieb li tirritorna lura ghax-xoghol nhar is-17/08/2020. Hija kompliet li nhar it-12/08/2020

kienet irceviet struzzjonijiet mill-Universita' fejn kienet mehtiega tkun il-hin kollu hemm u taghti l-attenzjoni kontinwa. Ix-xhud tenniet li kull *DOS* li kien hemm kollha kienu jafu li hija kienet qed issegwi kors l-Universita' ghal *Masters Degree* u li dawn zgur kienu jzommu lis-Sur Keith Zammit infurmat. Hija qalet li mmedjatament infurmat lil Borg permezz ta' *Email* fejn spjegat li kellha bzonn tiehu madwar 4 gimghat *leave*, bejn is-17/08/2020 u 14/09/2020 fejn kienet ser tutilizza l-*leave* kollu bi hlas taghha u jekk dan ma jkunx bizzejjed tiehu *leave* bla hlas. Hija stqarret li la Borg u lanqas Pagliuso qatt ma qalulha li dan ma kienx possibbli, izda hallewha tistenna filwaqt li jiccekkjaw mall-*Accountant* kemm kellha *leave* akkumulat ghas-sena 2020. Hija sostniet li kienet qalet lil Borg li kienet ser tirritorna lura xoghol fil-15/09/2020. Fir-risposta taghha ghall-*Email*, ix-xhud qalet li Borg kienet qaltilha li dwar dak li talbet kienet ser titkellem ma' Pagliuso c-*Chief Operating Officer* u taghtiha risposta, liema risposta qatt ma waslet, minkejja hames *WhatsApp Messages reminders*, inkluz *Email* lil Pagliuso datata 24/08/22. Hija kompliet li l-ghada Pagliuso kien qalilha li kien ser jiccekkja mall-*Accountants*, izda dan ukoll qatt ma gie lura b'xi risposta.
Ix-xhud kompliet li nhar il-31/08/2020 baghtet ir-raba *reminder* lil Borg dwar it-talba taghha (tax-xhud) ghal *leave* bi hlas/bla hlas u fir-risposta taghha (ta' Borg) din qaltilha (lix-xhud) li Pagliuso kien f'kuntatt mall-*accountant* u kellu jaghtiha risposta (lix-xhud) malajr kemm hu possibbli.
Ix-xhud qalet li dakinhar stess fis-19.30 hija rceviet *Email* minghand Borg fejn infurmatha bit-terminazzjoni tal-impjieg taghha u peress li hija (x-xhud) ikkonfermatilhom li ma kinitx ser tkun disponibbli tghallem fl-ewwel gimghat ta' Settembru 2020, il-*Management* ma kellu l-ebda ghazla ohra ghajr li jtemm l-impjieg taghha. Hija kompliet li dakinhar stess hija kitbet lil Graham Sansone, ufficjal tal-*Union* li hija msiehba fiha, fejn dan qalilha li kien ser jikteb lill-*Employer* taghha dakinhar stess, u fejn fil-fatt dan kien kiteb lil Mr. Zammit fit-2 ta' Settembru 2020.
Hija stqarret li Keith Zammit kien waqqfilha l-*Covid Wage Supplement* li kien l-uniku dhul taghha u kellha tistenna sal-bidu t'Ottubru sabiex tkun imhallsa tas-sighat zejda li kienet hadmet matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu 2020. Hija ziedet li Zammit kien b'mod mhux korrett informa lill-JobsPlus li hija kienet irrizenjat.
Dwar ix-xhieda ta' Pagliuso hija sostniet f'bosta drabi fix-xhieda tieghu huwa kien skorrett dwar il-fatti u anke rrefera ghall-affarijiet li sehhew meta huwa ma kienx ghadu dahal fl-impjieg ma' ACE.
Dwar dak li xehdet Josephine Borg fejn qalet li hija qatt ma kellha battibekki jew nuqqas ta' ftehim la ma' Borg u lanqas ma' Zammit fejn hija qatt ma nghatat l-ebda *warnings* minhabba kondotta skorretta.

Hija sahqet li Borg ma qalitx il-verita' meta xehdet li hija (x-xhud) iddiskutiet maghha dwar talba ghal-*leave* qabel is-*sick leave*. Hija sostniet li tali diskussjoni qatt ma saret u l-*leave* kienet talbitu waqt li kienet bis-*sick leave* u mhux qabel.

Ix-xhud spjegat li s-sitwazzjoni ta' l-iskola meta regghet fethet f'Settembru 2020, kienet li kien baqa' biss ftit studenti ghaliex hafna minnhom kienu marru lura f'pajjizhom. Hija sostniet li f'dak iz-zmien kien hemm aktar ghalliema milli studenti.

Ix-xhud stqarret li meta f'Awwissu 2020 gie mitmum l-impjieg taghha hija kellha salarju vicin €2000 fix-xahar u gieli oghla, jiddependi mis-sighat li kienet tahdem.

Hija qalet li sa l-14/2/2021 hija kienet ghadha mhux impjegata u qabdet tahdem ma' ETI nhar l-1 ta' Gunju 2021.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv**. **Sheldon Micallef** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda t-trattazzjoni tieghu billi qal illi matul il-perkors taz-zewg ingaggi taghha mas-socjeta' ntimata l-Appellanti dejjem kienet stmata tajjeb u rrispettata.

Huwa sostna li l-fatt li wassal ghal dawn il-proceduri kien meta l-Appellanti wriet bic-car li hija ma kinitx disposta tahdem ghal xahar shih. L-Avv. Micallef sahaq li dan ma kienx ragonevoli kemm fir-rigward tal-esigenzi tax-xoghol u anke tal-kuntratt tal-impjieg taghha fejn bhala minimu hija kellha tahdem 15 il-siegha fil-gimgha, nkluz dikjarazzjoni li hija kienet ikkommettiet ruhha li tahdem bejn Lulju u Settembru.

L-Avv. Micallef sahaq li l-principal ma kellu l-ebda obbligu legali li jaghti l-ammont ta' *leave* kif mitlub f'dan il-kaz.

Dwar id-danni li l-Appellanti qed issostni li soffriet, l-Avv. Micallef sostna li ghajr ghal FS3 li tindika kemm hija kellha salarju mas-Socjeta' ntimata, hija ma gabet l-ebda prova u fejn lanqas ma ndikat li fil-perjodu sakemm bdiet impjieg iehor hija kienet *actively seeking employment*.

**Avv. David H. Harding** ghan-nom ta' l-Appellanti beda t-trattazzjoni tieghu billi sahaq illi l-Appellanti kienet talbet gimghatejn leave u mhux xahar kif indika l-Avv. Micallef.

F'dan l-ambitu l-Avv. Harding fakkar li l-Appellanti diversi drabi kienet gibdet l-attenzjoni tas-Superjuri taghha sabiex ituha risposta jekk il-*leave* rikjest kienx ser jigi approvat izda kull darba kienu jghidulha li kienu qed jiccekkjaw mall-*Accountant*.

L-Avv. Harding sostna li sa ftit hin qabel ma Josephine Borg infurmat lill-Appellanti li l-impjieg taghha kien qed jigi mitmum peress li ma kinitx diehla xoghol f'dawk il-gimghatejn f'Settembru hija (Borg) kienet qaltilha li 'qed niccekkjaw mall-Accountant'.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni mill-impjieg tal-Appellanti minn mas-Socjeta' ntimata kinitx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-ligi. Dan ghamlu billi analizza l-fatti u xtarr bir-reqqa dovuta l-argumenti kollha mqajjma matul dan il-process, u dan kif gew sponuti mix-xhieda u dokumenti prodotti mill-partijiet.

Il-mertu ta' dan il-kaz jinkwadra madwar talba ghal-*leave* li hija kienet ghamlet f'Awwissu 2020 u dan ghal perjodu li kien jestendi sal-15 ta' Settembru 2020 u mat-terminazzjoni tal-impjieg b'sehh mill-31 t'Awwissu 2020.

Dan it-Tribunal jinnota li filwaqt li ufficjalment ma' JobsPlus, is-Socjeta' ntimata kienet indikat li r-raguni tat-temm tal-impjieg kienet 'Rizenja Formali', matul dan il-process, min-naha tal-*Management* tali raguni qatt ma giet sostnuta izda fl-istess process hareg car li tali terminazzjoni kienet tkeccija, b'Josephine Borg fil-kariga ta' *Director of Studies* fis-seduta tas-6 t'Ottubru 2021 tiddikjara '***so in the end she wasn't entitled to the whole month of leave and we then terminated her at the end of August due to her not being available to work when we needed teachers to provide the work***'.

Dwar dan il-punt dan it-Tribunal ma jistax jifhem galadarba is-Socjeta' ntimata kienet hi li tterminat l-impjieg tal-Appellanti ghaliex meta baghtu t-*Termination Form* lill-JobsPlus bhala raguni huma ndikaw li l-Appellanti kienet irrizenjat, meta fil-verita' tali rizenja qatt ma saret mill-Appellanti.

Dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju illi l-Appellanti ghamlet talba sabiex matul ix-xahar ta' Settembru 2020 hija tohrog fuq *leave*, tant li l-istess Josephine Borg fil-kariga ta' *Director of Studies* fis-seduta tas-6 t'Ottubru 2021 xehdet b'referenza ghall-Appellanti li '*she contacted me again to ask about the paid or unpaid leave, and I said 'these things are out of my hand, we need to check with the accountant, we need to check with Raffaele'.*

Dwar dan il-*leave*, l-Appellanti nhar l-24 t'Awwissu 2020 baghtet *Email* lil Raffaele Pagliuso *Chief Operating Officer* fejn ghamlitlu referenza li hija kienet qed titlob *leave* sal-15 ta' Settembru u li huwa kellu jiccekkja dwar dan

mall-*Accountants*. L-ghada Pagliuso permezz ta' *Email* wegibha '*I am checking with the Accountants in order to give you a better reply'*.

Dan it-Tribunal jinnota li dwar din it-talba ghal-*leave,* sal-31 t'Awwissu 2020 bejn l-Appellanti u Josephine Borg kienu ghadhom qed jigu skambjati messaggi permezz ta' *WhatsApp*, tant li nhar il-31 t'Awwissu 2020 fis-**17.58** Josephine Borg informat lill-Appellanti li '*Raff is in contact with the accountants and will update you asap'*. Kopji tal-messaggi riferuti gewipprezentati waqt dan il-process.

Dan it-Tribunal jinnota wkoll li dakinhar stess, anqas minn siegha wara u cjoe' fis-**18.49** permezz ta' *Email*, l-istess Josephine Borg informat lill-Appellanti li l-impjieg taghha kien qed jigi mitmum ghaliex ma setghetx tahdem fl-ewwel gimghat ta' Settembru 2020.

Meta fis-seduta tas-6 t'Ottubru 2021 it-Tribunal staqsa lil Josephine Borg '*So how did she (*l-Appellanti*) know that she had only one week approved* ? Borg wiegbet '*She didn't know*'. F'l-istess seduta t-Tribunal rega' staqsa lil Borg '*…she (*l-Appellanti*) was pretending to have more leave from being paid or unpaid, was she (*l-Appellanti*) told: no, after this week you must return to work* ?'. Ghal din il-mistoqsija Borg wiegbet ; '*no, she wasn't'*.

Dan it-Tribunal ma jistax jifhem x'zamm lill-*Management* f'dan il-kaz lil Pagliuso u Borg milli jinnotifikaw b'mod car illi l-*leave* li hija kienet qieghda titlob u li kien ser jestendi sal-15 ta' Settembru ma kienx ser jigi approvat u li fic-cirkostanzi hija mistennija tirraporta ghax-xoghol minn nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2020.

Minn dan kollu, dan it-Tribunal jikkonkludi li mhux biss l-Appellanti ma kinitx mgharrfa li l-perjodu tal-*leave* rikjest ma kienx qed jigi approvat, izda minn imkien ma jindika li l-Appellanti f'xi mument insistiet li anke jekk il-*leave* ma jkunx approvat hija xorta wahda ma kinitx ser tidhol xoghol. Di piu' matul dan il-process fl-ebda mument min-naha tal-*Management* ma giet esebita xi forma ta' twissija li jekk hija (l-Appellanti) ma tirraportax ghax-xoghol fil-perjodu tal-*leave* mitlub l-impjieg taghha kien ser jigi mitmum.

Ghal dan it-Tribunal, dak li ghamel il-*Management* nhar il-31 t'Awwissu 2020 fis-**18.49** meta nforma lill-Appellanti li l-impjieg taghha kien qed jigi mitmum minhabba li hija ma kinitx ser tidhol xoghol fl-ewwel gimghatejn ta' Settembru **kienet decizjoni li ttiehdet fuq avveniment ipotetiku**. **U cjoe' li**

**l-Appellanti ma kinitx ser tidhol xoghol fl-ewwel gimghatejn ta' Settembru,**

Ghal dan it-Tribunal, kien ikun komprensibbli illi l-*Management* tas-Socjeta' ntimata kien jiehu azzjoni dixxiplinarja fil-konfront ta' l-Appellanti kieku hija ma rraportatx ghax-xoghol fl-ewwel ta' Settembru u fil-granet sussegwenti, wara li hija kienet tkun giet notifikata b'mod car li l-*leave* li kienet qed titlob ma kienx qed jigi approvat, jew inkella fic-cirkostanzi fejn hija tkun gharrfithom li xorta wahda ma kinitx ser tidhol xoghol anke jekk il-*leave* ma jkunx ser jigi approvat. F'tali cirkostanzi l-Appellanti kienet tkun wettqet nuqqas gravi ghaliex kienet tkun assentiet jew uriet l-intenzjoni cara li kienet ser tassenti ruhha minghajr awtorizzazzjoni.

Il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien wiehed, u cjoe' li jara jekk it-temm tal-impjieg tal-Appellanti sarx ghal ragunijiet gusti.

Id-decizjoni li l-impjieg jigi mitmum, hija wahda li fil-kamp tal-gustizzja lavorattiva hija meqjusa bhala l-piena kapitali u li tkun gustifikata biss li tinghata f'cirkostanza fejn ikun gie mwettaq nuqqas gravi hafna. Nuqqas li f'dan il-kaz ittrattat ma jidhirx li gie mwettaq min-naha tal-Appellanti.

- **Decizjoni**

It-Tribunal ma giex konvint li d-decizjoni tas-Socjeta' ntimata li ttemm l-impjieg tal-Appellanti kienet wahda bbazzata fuq ragunijiet li kienu jimmeritaw licenzjament.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti ma kinitx wahda gusta.

F'dan il-kuntest it-Tribunal jiffissa kumpens dovut lill-Appellanti fis-somma ta' €6,000. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien erba' gimghat minn din id-decizjoni.

Dan il-kumpens kien motivat minn konsiderazzjoni xierqa tal-fatt li d-durata tal-impjieg tal-Appellanti mas-Socjeta' ntimata kienet ta' ftit anqas minn tlett snin, u li hija tippossjedi l-esperjenza u l-kwalifiki necessarji li certament ghamluha mhux difficli li hija terga' tikseb impjieg b'kundizzjonijiet komparabbli ma' dak li kellha mas-Socjeta' ntimata.

Dan it-Tribunal ha konjizzjoni wkoll tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imh. Anthony Ellul fosthom Carmel Borg vs

MPTSOL deciza nhar 8 ta' Marzu 2019 u Publius Davison vs De La Rue Currency & Security Printing deciza mill-istess fit-23 t'April 2018 fejn gie stabbilit li: 'Fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Art 81(2) Kap 452, it-Tribunal ghandu diskrezzjoni, u fejn din trid tkun proporzjonata jew ragonevoli', u 'li l-Arbitru tat-Tribunal ghandu jkun wiehed boni viri bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell tal-bonus pater familias'.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**